MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 34/2011

Kawza fil-lista: 82

***R W*, f' isimha proprju u**
**bhala kuratrici ad litem ta' binha *X T Z***
**vs**
***P Q Z*, *C D N*,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li r-rikorrenti welldet tarbija fl-4 ta' Awissu 2010 minn relazzjoni li hi bdiet mal-konvenut *C D N*; li t-tifel twieled f'anqas minn tlett mitt jum mill-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat mill-attrici u mill-konvenut *P Q Z*, u ghalhekk it-tifel *X* gie registrat bhala l-wild ta' dan il-konvenut; li skond ir-rapport xjentifiku tad-DNA jirrizulta li l-imsemmi tifel huwa l-wild naturali tal-konvenut *C D N*;

ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li t-tifel *X T Z* mhuwiex il-wild natural ital-konvenut *P Q Z*, izda huwa l-wild bijologiku tal-konvenut *C D N*, u li tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, wara li ssolleva eccezzjoni ta' natura procedurali bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 77C tal-Kap.16, irrefera wkoll ghall-artikoli 77B u 81 ta' l-istess Kap;

Rat li l-konvenut *C D N* ammetta t-talbiet attrici;

Rat li l-konvenut *P Q Z* baqa' kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Paul Sultana u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li t-tifel *X T Z* li hi weldet fl-4 ta' Awissu 2010 u li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 3554/10 gie registrat bhala il-wild tal-konvenut *P Q Z* huwa fil-fatt il-wild natural ital-konvenut *C D N*.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena 2009 l-attrici, allura mart il-konvenut *P Q Z*, bdiet relazzjoni esklussiva mal-konvenut *C D N*, u f' Gunju 2010 bdew jikkoabitaw flimkien. Fil-15 ta' Ottubru 2009 l-attrici u zewgha ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Fl-4 ta' Awissu 2010 twieled it-tifel.

Illi t-tezi attrici ssib konfort fil-provi, u konferma xjentifika fir-rapport tad-DNA li jikkonferma lill-konvenut *C D N* bhala missier it-tarbija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, jigi osservat li, filwaqt li t-tifel twieled fl-4 ta' Awissu 2010, l-proceduri odjerni gew istitwiti fl-1 ta' Frar 2011, u ghalhekk fi zmien is-sitt xhur stipulati mill-ligi; ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax treggi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett ta' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifel *X T* li twieled mill-attrici fl-4 ta' Awissu 2010 huwa l-wild naturali tal-konvenut *C D N*, u mhux tal-konvenut *P Q Z*; u tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tielet talba.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-attur fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------